## EŻAMIJIET ANNWALI TAL-*JUNIOR LYCEUM* 2005

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

---

**L-EWWEL SENA** **STORJA** **ĦIN; Siegħa u Nofs**

---

### TAQSIMA 1. STUDJU DWAR L-ISTORJA

1. Wieġeb il-mistoqsijiet

1.1 Għaliex għandna nitgħallmu l-istorja ta' pajjiżna?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(2)

1.2. X'inhu x-xogħol ta' l-arkeologu?

______________________________________________________________________(2)

1.3. Poġġi dawn wara xulxin kif ġraw fl-istorja tal-bniedem minn dak li ġara l-iżjed fil-bogħod. In-numru 1 huwa lest bħala eżempju.

| | |
|---|---|
| Il-bniedem jagħmel użu mill-plastik | |
| Il-bniedem jibda juża l-ħaġar | 1 |
| Il-bniedem jiskopri l-ħġieġ | |
| Il-bniedem juża l-ħadid | |
| Il-bniedem ivvinta s-satellita | |

(4)

1.4. X'tifhem b'sors primarju?

______________________________________________________________________(1)

1.5. Agħmel sinjal taħt **tliet** sorsi primarji:
(biografija, gazzetti, awto-biografija, ktieb fuq il-preistorja, djarji, program tar-radju fuq il-Kavallieri)

(3)

**(total 12-il marka)**

## TAQSIMA 2. L-ISTORJA TAL-MEDITERRAN

2. Ħares lejn l-istampa u wieġeb il-mistoqsijiet



*Murex tunculus*

2.1. Għalfejn il-Feniċi kienu jużaw dan il-bebbuxu?

______________________________________________________________________

____________________________________________________________________(2)

2.2. Semmi (a) alla tal-Feniċi u (b) post f'Malta fejn hemm it-tempju tagħha

______________________________ ________________________________ (1,1,)

2.3. Għalfejn il-Feniċi kienu jużaw il-pożizzjoni ta' l-istilel?

____________________________________________________________________(2)

2.4. Kif nafu li l-Feniċi kienu jemmnu b'ħajja wara l-mewt?

______________________________________________________________________

____________________________________________________________________(2)

2.5. Għaliex il-Feniċi kienu jużaw lil Malta?

______________________________________________________________________

____________________________________________________________________(2)

**(total 10 marki)**

3. Immarka t-tajba billi tagħmel sinjal taħtha

3.1. Il-mexxej ta' l-Eġizzjani kien il-(Kaptan, Farawni, Kurunell).

3.2. L-Eġizzjani kienu jidfnu l-mexxejja tagħhom fil-(knisja, piramida, kmamar taħt l-art).

3.3. Iċ-ċivilta Eġizzjana żviluppat madwar ix-xmara (Tigris, Hwan-Ho, Nil).

3.4. Il-Griegi kienu jxebbhu l-allat tagħhom ma' (bnedmin, annimali, pjanti).

3.5. Wieħed miċ-Ċippi Puniċi li nstabu Malta ngħata (lir-Reġina Eliżabetta, il-President Amerikan, ir-Re Franċiż).

3.6. Fuq iċ-Ċippi hemm skrizzjoni miktuba b'(ħames, tliet, żewġ) lingwi.
3.7. F'Marsaxlokk instabu (żewġ, tliet, ħames) Ċippi Puniċi.
3.8. Fi tmiem it-tielet Gwerra Punika, Kartaġni sfat (rebbieħa, meqruda, meħlusa).

(8x1 **total 8 marki)**

4. Agħżel tema u ikteb paragrafu dwarha

4.1. Iċ-ċiviltà Griega.
4.2. Ċiċerun kontra Kajjus Verres.
4.3. Il-Gwerer Puniċi.

________________________________________________________________________
________________________________________________________________________
________________________________________________________________________
________________________________________________________________________
________________________________________________________________________
________________________________________________________________________
________________________________________________________________________
________________________________________________________________________

(**6 marki)**

**TAQSIMA 3; IŻ-ŻMIEN PREISTORIKU F'MALTA**

5. Aqra s-silta u wieġeb il-mistoqsijiet

*"Nafu żgur li f'dawn iż-żminijiet imbiegħda l-bniedem kien jagħmel ħiltu kollha biex itejjeb il-qagħda tiegħu u ta' niesu. Dan jixhduh il-fdalijiet misjuba. Nafu tajjeb li nqeda bin-nar u bil-ħaġar li kien isib madwaru. Xhieda li l-bniedem dejjem għamel ħiltu biex jimxi 'l quddiem huma l-fdalijiet infushom. Il-fdalijiet tal-wiċċ dejjem huma maħduma aħjar minn dawk li jinsabu aktar fil-fond."*
*(Ġrajjet Malta Vol.1)*

5.1. Semmi żewġ tipi ta' xogħol li kien jagħmel il-bniedem li kien jgħix fil-preistorja.

________________________________________________________________________
________________________________________________________________________

5.2. Semmi żewġ affarijiet li kien jinqeda bihom il-bniedem ta' dak iż-żmien.

________________________________________________________________________
________________________________________________________________________

5.3. Liema prova mis-silta turina li l-bniedem ta' żmien il-ħaġar kien ifittex li jtejjeb xogħlu?

5.4. Semmi żewġ kwalitajiet ta' fdalijiet li nstabu fil-gżejjer Maltin minn żmien preistoriku minbarra t-tempji.

5.5. Semmi żewġ postijiet f'Għawdex fejn wieħed għadu jara fdalijiet preistoriċi.

5.6. Semmi żewġ modi kif in-nies ta' Żmien il-Ħaġar kienu juru l-kapaċità artistika tagħhom.

5.7. Semmi żewġ affarijiet li huma minquxa jew impenġija fuq il-ġebel ta' xi tempju.

(2x7= 14-il marka)

**<u>6. Tifel ta' Żmien il-Ħaġar qiegħed jirrakkonta x'għamel lil sieħbu. Ikteb 5 affarijiet li huma VERI (setgħu jiġru f'dak iż-żmien) u 5 affarijiet li huma FOLOZ (ma setgħux jiġru fi Żmien il-Ħaġar)</u>**

*Illum, bħas-soltu qomt kmieni għall-iskola. Dejjem iqajjimni l-iżveljarin għall-ħabta tas-sitta u nofs. Qabel mort l-iskola ommi xwietli ħuta milli kien qabad missieri l-ġurnata ta' qabel. Fl-għar norqod komdu imma l-bieraħ tant kien il-bard li tgeddist fil-kutra magħmula mill-ġild tan-ngħag. Tgħidx kemm issaħħan. Missieri għandu x'jagħmel illum. Iridu jġorru l-ġebel biex jagħmlu t-tempju. Aktar tard għandu jiġi tal-krejn biex iqiegħed il-ħaġar f'postu. Kien għalhekk li telaq għall-kaċċa kmieni. Lanqas biss rajtu llum. Tal-prajvit qiegħed jistennieni. Aħjar ngħaġġel. La niġi mill-iskola noqgħod ngħin lil ommi wara li nara xi programmi fuq it-televixin. Qiegħda tagħmel važun tal-fuħħar il-ġmiel tiegħu.*

6.1. Ikteb 5 affarijiet VERI

6.2. Ikteb 5 affarijiet FOLOZ

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

(1x10=**total 10 marki)**

## TAQSIMA 4; IL-ĦAKMA TA' POPLI OĦRA FUQ MALTA

7. <u>Osserva sewwa din l-istampa u wieġeb il-mistoqsijiet</u>



7.1. Liema ġrajja importanti qiegħda turi din it-tpinġija?

______________________________________________(1)

7.2. F'liema sena seħħet din il-ġrajja u min kien jaħkem lil Malta f'dak iż-żmien?

______________________________________________(1,1)

7.3. F'liema ktieb tal-Bibbja nsibu riferiment għal din il-ġrajja storika?

______________________________________________(1)

7.4. Kif nafu li parti kbira tal-Maltin baqgħu pagani wara l-ġrajja li hemm impinġija fuq l-istampa?

______________________________________________

______________________________________________(2)

7.5. Għaliex il-ħakma ta' l-Imperatur Kostantinu kienet ta' ġid kbir għall-insara?

______________________________________________(2)

(**total 8 marki)**

8. Wieġeb fil-qosor dawn il-mistoqsijiet

8.1. Liema huma t-tliet sisien ta' ġrajjiet ġensna?

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________(3)

8.2. Semmi żewġ postijiet fil-gżejjer Maltin fejn instabu fdalijiet tar-Rumani.

______________________________________________

______________________________________________(2)

8.3. Liema attività ekonomika kienet importanti f'Malta fi żmien ir-Rumani?

______________________________________________(2)

8.4. Semmi forma ta' gvern li kien jitħaddem fil-gżejjer Maltin fi żmien ir-Rumani

______________________________________________(2)

8.5. Għaliex l-imperu Ruman inqasam fi tnejn?

______________________________________________(2)

8.6. X'użu kellhom il-gżejjer Maltin għall-Biżantini?

______________________________________________(2)

8.7. Meta ġew l-Għarab f'Malta u kif kienu differenti mill-Maltin?

______________________________________________

______________________________________________(2)

8.8. Semmi żewġ affarijiet li jfakkruna fil-ħakma ta' l-Għarab fil-gżejjer Maltin.

______________________________________________

______________________________________________(2)

**(total 17-il marka)**

9. Ikteb fit-tul fuq WIEĦED minn dawn;

9.1. L-Imperu Ruman kien jifrex mal-biċċa l-kbira ta' l-Ewropa. Għid kif kienu maħkuma l-Maltin fi żmien ir-Rumani.

9.2. L-Għarab firxu l-ħakma tagħhom fl-Afrika ta' Fuq u fir-reġjun tal-Mediterran. Ikteb fuq kif il-ħakma Għarbija affettwat lill-Maltin.

9.3. It-tempji huma l-isbaħ fdalijiet preistoriċi f'Malta. Għala kienu importanti u x'nistgħu nagħmlu llum biex nieħdu ħsiebhom?

9.4. Il-Griegi qiegħdu is-sisin taċ-ċiviltà Ewropea kif nafuha llum. Ikteb fuq il-wirt li ħallewlna l-Griegi.

**(total 15 marka)**